

Brussell, 15 ta' Mejju 2025
(OR. en)

8781/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2024/0299 (NLE)**

**SAN 204
PHARM 63
COVID-19 10
PROCIV 48**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li tistieden lill-Istati Membri jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-emendi għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005) li jinsabu fl-Anness tar-Riżoluzzjoni WHA77.17 u adottati fl-1 ta' Ġunju 2024 - Adozzjoni

1. Permezz ta' deċiżjoni adottata fil-Ħamsa u sebgħin Assemblea Dinjija tas-Saħħa¹ il-membri tad-WHO qablu li jistabbilixxu proċess għan-negozjati ta' emendi mmirati għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005).
2. Abbażi ta' awtorizzazzjoni mill-Kunsill stabbilita fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/451 tat-3 ta' Marzu 2022², il-Kummissjoni nnegozjat l-emendi għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005) fisem l-Unjoni Ewropea, għal kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni. Il-Kummissjoni, bħala n-negozjatur tal-Unjoni, kienet iggwidata mid-direttivi ta' negozjati annessi mad-Deċiżjoni, li jistabbilixxu l-oġettivi u l-prinċipji prinċipali li għandhom jintlaħqu. Skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/451, il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa Pubblika tal-Kunsill serva bħala l-kumitat speċjali fis-sens tal-Artikolu 218(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

¹ [WHA75\(9\) - Strengthening WHO preparedness for and response to health emergencies.](#)

² ĠU L 92, 21.3.2022, p. 1.

3. L-Assemblea Dinjija tas-Saħħa adottat l-emendi għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005) b'kunsens fl-1 ta' Ġunju 2024 permezz tar-Riżoluzzjoni WHA77.17³. L-emendi jikkontribwixxu għat-tisħiħ tat-tħejjija, is-sorveljanza u r-rispons dinjija għall-emerġenzi tas-saħħa pubblika u jindirizzaw it-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19, żewġ prijoritajiet fundamentali tal-azzjoni tal-UE fil-qasam tas-saħħa dinjija.
4. Il-kunsens li wieħed jintrabat bir-regolamenti tad-WHO huwa soġġett għal proċedura simplifikata bbażata fuq aċċettazzjoni taċita⁴. Kwalunkwe Membru tad-WHO għandu jkun marbut b'regolament tad-WHO, dment li ma jinnotifikax lid-Direttur Ġenerali tad-WHO ċaħda jew riżerva għar-regolament imsemmi, jew emenda għalih, fil-perjodu ta' żmien innotifikat mid-Direttur Ġenerali għal dak l-għan.
5. L-emendi għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (IHR) (2005) ġew innotifikati mid-Direttur Ġenerali tad-WHO lill-Istati Parti kollha fid-19 ta' Settembru 2024. Konsegwentement, u f'konformità mal-Artikolu 59 tal-IHR (2005), l-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ fid-19 ta' Settembru 2025 għall-Istati Parti kollha għall-IHR (2005) li għalihom japplikaw l-emendi tal-2022 u fid-19 ta' Settembru 2026 għall-erba' Stati Parti li għalihom ma japplikawx l-emendi tal-2022⁵.
6. Filwaqt li r-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005) ma jippermettux li l-Unjoni ssir parti, l-Istati Membri kollha tal-UE huma Stati Parti għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005).
7. Fit-13 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-emendi tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa li jinsabu fl-Anness tar-Riżoluzzjoni WHA77.17 u adottati fl-1 ta' Ġunju 2024 (15621/24+ADD 1).
8. Il-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa Pubblika eżaminaw il-proposta fil-vidjokonferenza informali tat-22 ta' Novembru 2024 u fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa Pubblika fil-11 ta' Diċembru 2024. Il-kompromess tal-Presidenza li jirriżulta minn din il-laqgħa jinsab fid-dokument 16880/24.

³ [WHA77.17 - Strengthening preparedness for and response to public health emergencies through targeted amendments to the International Health Regulations \(2005\).](#)

⁴ L-Artikolu 22 tal-Kostituzzjoni tad-WHO.

⁵ Is-Slovakkja, in-Netherlands, l-Iran u New Zealand.

9. Fis-27 ta' Jannar 2025, il-Kunsill laħaq qbil fil-prinċipju dwar l-abbozz ta' deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument 17046/24 + ADD1.
10. Skont l-Artikolu 218(6)(a) TFUE, id-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta teħtieġ l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-adozzjoni tagħha.
11. L-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew hija prekundizzjoni għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni. Il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu fis-6 ta' Mejju 2025 (P10_TA(2025)0073).
12. Fid-dawl ta' dan kollu, u soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:
 - jadotta d-Deċiżjoni li tistieden lill-Istati Membri jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-emendi għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005) li jinsabu fl-Anness tar-Risoluzzjoni WHA77.17 u adottati fl-1 ta' Ġunju 2024, kif tinsab fid-dokument 17046/24 + ADD1 + ADD1 COR1, li tikkostitwixxi l-verżjoni tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti.
